**Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal - *Junior Lyceum***

**MAY 2009**

**RELIĠJON**

## Taqsima A (10 marki)

**Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| jindaħal | xbieha | juruna mħabba | l-aħjar | kulma jgħix |
| ħajjin | Hu kien minn dejjem | ruħ | bħal Ġob | kbir u għaref |

1. Il-ħolqien jurina kemm Alla hu tassew __________________________.
2. __________________________ aħna nistgħu naħsbu li Alla ma għamilx kollox sew.
3. Alla jgħid lil Ġob li __________________________ u jaf kollox u għamel kollox sew.
4. Ġob qal : "Ikun bla għaqal min jipprova __________________________ lil Alla".
5. Alla jista' kollox u hu biss jaf x'inhu __________________________ għalina.
6. Qabel kollox irridu niftakru li kien Alla li tana l-ġenituri tagħna u dawk li __________________________.
7. Alla mhux biss ħalaqna , iżda jibqa' jżommna __________________________.
8. Alla jħobb __________________________ għax kollox hu tiegħu.
9. Lill-bniedem Alla għamlu __________________________ tiegħu.
10. Lilna Alla tana qalb, moħħ u __________________________ li tibqa' għal dejjem.




## Taqsima B (10 marki)

**IL-KMANDAMENTI**

'Jien Alla sidek.'

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ma jkollokx Alla ieħor għajri. | 6. | La tiżnix. |
| 2. | La ssemmix l-isem t'Alla fil-batal. | 7. | La tisraqx. |
| 3. | Ħares il-Ħdud u l-festi kkmandati. | 8. | La tixhidx ħaġa b'oħra. |
| 4. | Agħti ġieħ lil missierek u 'l ommok. | 9. | La tixtieqx nisa tal-oħrajn. |
| 5. | La toqtolx. | 10. | La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn. |

**Aqra dwar kif ġabu ruħhom is-sitt itfal li ġejjin.**
**Ikteb in-numru tal-kmandament li marru kontra tiegħu. L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | |
|---|---|---|
| a. | (***Eżempju***) Mario kien jibda jidgħi jekk xi ħadd imerih. | **2** |
| b. | Kull meta jmur is-*supermarket*, Mark spiss jaqa' għat-tentazzjoni li jaqbad xi ħaġa u jitfagħha fil-but mingħajr ma jħallas għaliha. | |
| ċ. | Kull darba li ommha kienet twissiha, Ġina kienet tidħak biha u ma tagħtix kasha. | |
| d. | Qabel l-eżami Sandra ddeċidiet li, flok tgħid talba f'qalbha, tilbes il-qarn għax qalulha li l-qarn iġib ir-risq tajjeb. | |
| e. | John skarta mill-iskola u lis-surmast qallu li kien ma jiflaħx. | |
| f. | Nhar il-Ħadd Robert mar għal logħba futbol minflok il-quddiesa. | |

## Taqsima Ċ (10 marki)

**a. Agħmel sinjal taħt IS-SAGRAMENTI.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju. (3 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| <u>Iż-Żwieġ</u> | Is-Saċerdot | Is-Salib | Il-Qrar | Id-Duttrina |
| Id-Domna | Il-Griżma tal-Isqof | L-Evanġelju | It-Tabernaklu | It-Tqarbin |





**b. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet. (7 marki)**

1. Liema sagrament jgħaqqad raġel u mara biex jiffurmaw familja? ________________
2. Liema sagrament jerġa' jagħmilna ħbieb ma' Alla? ________________
3. Liema sagrament jagħmilna wlied Alla? ________________
4. F'liema sagrament Ġesù jiġi ġewwa fina bil-ġisem u d-demm tiegħu? ________________
5. Liema sagrament jagħmilna xhieda ta' Kristu u membri kbar tal-Knisja? ________________
6. Liema sagrament isaħħaħna biex nagħmlu mewta tajba jew infiqu? ________________
7. B'liema sagrament wieħed isir saċerdot? ________________

**Taqsima D** **(10 marki)**

**Aqra din is-silta li ġejja. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*Ġesù Jitma' Erbat Elef (Mattew 15, 32-39)*



Ġesù sejjaħ lid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Nitħassarhom lil dawn in-nies, għax ġa ilhom tlitt ijiem miegħi u ma għandhom xejn x'jieklu. Ma rridx inħallihom imorru sajmin, li ma jmurx iħosshom ħażin fit-triq." Qalulu d-dixxipli: "F'deżert bħal dan minn fejn se nġibu ħobż biżżejjed biex inxebbgħu kotra hekk kbira!" "Xi kemm għandkom ħobż?" staqsihom Ġesù. Qalulu, "Seba' ħobżiet u xi ftit ħut żgħir." Imbagħad qal lin-nies kollha jinxteħtu bilqiegħda fl-art, ħa s-seba' ħobżiet u l-ħut, radd il-ħajr, qasamhom u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newluhom lin-nies. U kulħadd kiel u xaba'; u ġabru l-bċejjeċ li fadal, sebat iqfief mimlija. U kienu erbat elef raġel dawk li kielu, barra n-nisa u t-tfal. Imbagħad bagħat lin-nies, tela' fuq id-dgħajsa u mar lejn l-inħawi ta' Magdala.

1. X'riedet il-folla mingħand Ġesù ? Agħżel waħda minn dawn li ġejjin u iktibha fuq is-sinjal :

   titqarben, tixrob, tistrieħ, tisma' l-kelma tiegħu.

   ________________________________________ (marka)

2. Ġesù għamel dan il-miraklu biex jippreparana għal wieħed mis-sagramenti.

   Liema sagrament? __________________________ (marka)

3. Ġesù qal, "Ma rridx inħallihom imorru sajmin."
   Dan juri kemm Ġesù hu (b'saħħtu, ħanin, bravu, kburi). Aqta' sinjal taħt it-tajba. (marka)

4. Ġesù ħa s-seba' ħobżiet u l-ħut, radd il-ħajr u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies.
   Minn din is-silta nitgħallmu li qabel l-ikel għandna (naħslu jdejna, ngħidu talba, nitkellmu bilmod, nistrieħu xi ftit). Aqta' sinjal taħt it-tajba. (marka)

5. X'għandna nagħmlu bl-ikel li jkun fadal?

   ________________________________________________________________(2 marki)

6. Fi kliemek, ikteb talba qasira biex tirringrazzja lil Alla tal-ikel li jipprovdilek.

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________(2 marki)

7. Ikteb talba qasira biex tirringrazzja lil Ġesù talli tana lilu nnifsu fl-Ewkaristija.

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________(2 marki)

## Taqsima E (10 marki)

**IL-QUDDIESA**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi timla n-numri minn 1 sa 10 fil-kolonna vojta fin-nofs.**

| *Kolonna* A | | | *Kolonna* B |
|---|---|---|---|
| 1. | Fil-bidu tal-quddiesa | | hija l-aħħar tislima li biha s-saċerdot jibgħatna biex inkunu xhieda ta' Ġesù kull fejn inkunu. |
| 2. | L-ewwel qari | | huwa innu miktub f'għamla ta' poeżija. |
| 3. | Is-Salm Responsorjali | | il-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. |
| 4. | It-tieni qari | | ikun minn wieħed mill-Kotba tat-Testment il-Qadim. |
| 5. | L-Evanġelju | | nagħrfu dnubietna u nuru li jiddispjaċina minnhom. |
| 6. | Fl-Offertorju | | ikun meħud minn waħda mill-ittri li kitbu l-appostli, l-aktar minn San Pawl. |
| 7. | Fil-qalba tal-quddiesa, waqt il-Konsagrazzjoni, | | ningħaqdu flimkien bit-talba li għallimna Ġesù. |
| 8. | Fil-Missierna | | nissieħbu ma' Ġesù waqt li jerġa' joffri lilu nnifsu lill-Missier. |
| 9. | Fit-Tqarbin | | huwa l-Aħbar it-Tajba – il-kelma ta' Ġesù miktuba. |
| 10. | 'Morru fil-paċi ta' Kristu' | | nirċievu l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. |

## Taqsima F (10 marki)

**PERSUNAĠĠI MILL-BIBBJA**

**Ikteb *żewġ* sentenzi biex turi li taf min hu kull wieħed minn dawn il-persunaġġi:**

a. Il-Maġi

______________________________________________

______________________________________________

b. San Pawl

______________________________________________

______________________________________________

ċ. Pilatu

______________________________________________

______________________________________________

d. Marija ta' Magdala

______________________________________________

______________________________________________

e. Tumas

______________________________________________

______________________________________________

## Taqsima Ġ (20 marka)

**Aqra dan li ġej dwar Madre Tereża u Ġesù. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



- Madre Tereża kienet taħdem man-nies fqar fl-Indja. Hi kienet tiġbor il-morda mit-triq u tipprovdilhom dar fejn jgħixu.
- Ġesù kien jagħmel il-mirakli. Darba fejjaq raġel għama u dan beda jemmen f'Ġesù.
- Madre Tereża ma kinitx tfejjaq l-għomja imma kienet turihom imħabba. B'dan l-eżempju huma bdew jemmnu f'Ġesù.
- Darb'oħra Ġesù ra mara tibki għax kien mitilha t-tifel. Ġesù mess it-tebut u qajjem lit-tifel mill-mewt.
- Madre Tereża ma kinitx tqajjem lin-nies mill-mewt, imma kienet tgħin lin-nies li kienu qegħdin imutu, tgħallimhom fuq l-imħabba ta' Ġesù u kif bata u miet għan-nies kollha tad-dinja.

1. X'kien ix-xogħol ta' Madre Tereża?

    ______________________________ (marka)

2. Semmi żewġ mirakli ta' Ġesù.

    ______________________________ (2 marki)

3. Madre Tereża ma kinitx tfejjaq l-għomja. Iżda x'kienet tagħmel magħhom?

    ______________________________ (marka)

4. Semmi żewġ qaddisin li, bħal Madre Tereża, ħadmu l-aktar ma' min kien qiegħed ibati.

    ______________ ______________ (2 marki)

5. X'sagrifiċċju għamel Ġesù biex jinħafrulna dnubietna u mmorru miegħu l-Ġenna?

    ______________________________ (marka)

6. Ikteb ħames sentenzi biex turi kif int tista' tgħin lil min qiegħed ibati. (2 marki kull waħda)

    a. ______________________________
    b. ______________________________
    ċ. ______________________________
    d. ______________________________
    e. ______________________________

7. Ikteb nota dwar kif Madre Tereża ppruvat tixbah lil Ġesù.

    ______________________________
    ______________________________
    ______________________________ (3 marki)

## Taqsima G (10 marki)

**SAN PAWL**



Din is-sena qegħdin niċċelebraw għeluq l-elfejn sena mit-twelid ta' San Pawl. L-aktar importanti għal San Pawl kien Ġesù Kristu. Għal Ġesù hu kien lest li jagħmel kollox. Għall-imħabba ta' Ġesù hu vvjaġġa ħafna biex jippriedka dwaru. Permezz tan-nawfraġju huwa ġie hawn Malta u ried li l-Maltin ukoll jibdew iħobbu lil Ġesù bħal ma kien iħobbu hu. Qabel telaq, Pawlu għażel lil Publiju bħala l-ewwel l-isqof ta' Malta.

1. Dwar min għallem San Pawl lill-Maltin meta ġie Malta?

______________________________________________

2. Għalfejn Alla bagħat lil Ġesù fid-dinja?

______________________________________________

3. Lil min għażel San Pawl biex jieħu ħsieb il-familja t'Alla li kien għadu kemm waqqaf f'Malta?

______________________________________________

4. Illum min jieħu ħsieb din il-familja:
   i. fid-dinja ?

   ______________________________________________

   ii. f'Malta jew f'Għawdex?

   ______________________________________________

5. X'inhu x-xogħol tagħna bħala Nsara fil-Knisja ta' Ġesù?

______________________________________________

## Taqsima GĦ (10 marki)

**Ikteb sentenza biex tfisser dan il-kliem:**

1. Żmien ir-Randan

______________________________________________

2. Il-miġja ta' Ġesù

______________________________________________

3. Il-Milied

______________________________________________

4. Knisja Appostolika

______________________________________________

5. Id-Duluri

______________________________________________

6. Il-Qaddisin

______________________________

7. L-Għid il-Kbir

______________________________

8. Ammen

______________________________

9. Pentekoste

______________________________

10. L-Att tal-Indiema

______________________________



**TMIEM IL-KARTA**